KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 24

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*24.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*24.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*24.5 Rapporti;*
*24.6 Bye-laws;*
*24.7 Items Oħra;*
*24.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*24.10 Mozzjonijiet*
*24.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 24.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

24.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waslu talbiet mingħand dawn il-kunsilliera sabiex ikunu assenti b'apoloġija għal din il-laqgħa: David Muscat, Ilona Fenech, Pierre Portelli, Vivien Galea Pace, Emanuel Borg, David Soler. Kien hemm qbil illi jiġu skuzani

## 24.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

24.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokumenti oriġinali tal-Minuti nru. 22. Il-Viċi Sindku pproponiet illi l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain issekonda l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment. *Minuti nru 22*

24.2.2 B'referenza għal punt nru. 22.3.5 is-Sindku qal illi hemm bzonn inkomplu naħdmu biex nagħmlu użu minn Villa Schinas fil-futur.

24.2.3 B'referenza għal punt nru. 22.3.7 is-Sindku qal illi għadu ma rċieva l-ebda follow-up fuq is-sistema tal-parking izda għandna nkomplu ninsistu fuqha.

24.2.4 B'referenza għal punt 22.6 is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tar-risposti li waslu lura minn naħa tad-Dipartiment. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi fil-laqgħa preċedenti [ref punt 22.6.1] il-Kunsill qabel illi jekk ma jaslu l-emendi minn naħa tal-Ministru fil-ħin stipulat ta' 8 ġimgħat, il-Kunsill għandu jibgħat emajl direttament lil Ministru. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li t-tmien ġimgħat jiskadu l-għada tal-laqgħa waqt illi waslu risposti/talbiet għall-izjed

informazzjoni minn naħa tad-Dipartiment, izda ma waslux emendi. Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat l-ittra lill-Ministru.

24.2.5 B'referenza għal punt numru 22.7.1, is-Sindku qal illi hawn sentiment kontra l-applikazzjonijiet kollha li ħerġin fil-lokalita tagħna, speċjalment għal dawk l-applikazzjonijiet ta' *lukandi* li fil-fatt isiru flats. Is-Sindku għamel talba lill-Kunsill biex jagħtu l-barka li l-Kunsill izomm mall-prinċipju li mhuwiex kontra l-izvilupp izda li tinsisti li jkun hemm ippjanar aħjar u li l-Kunsill huwa kontra l-izvilupp sfranat.

Il-kunsillier Paul Radmilli qal illi madwar tlett snin ilu ntbagħtet ittra liċ-Chairman ta' ERA u l-PA bi proposti tal-Kunsill. Issuġerixxa li nieħdu l-istess azzjoni wara li ftit mill-proposti tal-Kunsill kienu ġew implementati. Kien hemm qbil unanimu.

Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm bzonn insemmu min huma dawn l-izvilupatturi u periti li jagħmlu parti minn ċerti proġetti. Żied ukoll illi dawn qatt ma jagħtu kaz proposti u regolamenti. Il-kunsillier J.Pillow qal illi naming and shaming ma ħadmitx fil-passat u mhix soluzzjoni waqt illi l-kunsillier P.Radmilli qal illi l-ebda Perit m'għandu tort jekk hu qed jaqdi lil klijent tiegħu u qed jagħmel ix-xogħol illi għandu jagħmel. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal naming u shaming fejn qal illi lAtt tal-Kunsill tgħid illi fost il-funzjonijiet il-Kunsill irid jaħdem ma' kulħadd, u għal kulħadd, izda naming and shaming dawk illi jaħdmu la toħroġ permess mhix funzjoni tal-Kunsill. Il-kunsillier P.Radmilli kompla billi qal illi l-problema hija dwar l-infurzar u Planning u mhux tal-izvillipattur.

Is-Sindku għalaq is-suġġett billi qal illi nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru se ssir protesta ġewwa l-lokalita. Qal illi l-kunsilliera għandom dritt jattendu bħala individwi izda min jitkellem kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill, fil-kapaċita tiegħu bħala kunsillier, mhuwiex se jsib l-appoġġ tal-Kunsill.

**Għall-ħabta ta' 19:30 is-Sindku ssospenda l-laqgħa mall-wasla tas-Superintendent Sandro Camilleri. Wara diskussjoni ta' 40 minuti fejn ġew diskussi diversi materji relatati mall-ħidma tal-pulizija u l-problemi li jeżistu fil-lokalita, il-Kunsill irringrazzja lis-Superintendent għall-ħin tiegħu u telaq mill-kamra għall-ħabta ta 20:10**

24.2.6 Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-Minuti nru. 23 dwar in-nominazzjonijiet tal-Premju Ġieħ Tas-Sliema, jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ. Il-Minuti ġew approvat unaniment.

**24.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

24.3.1 **Mall-wasla tal-Contracts Manager fit-20:15, is-Sindku talab illi tiġi diskussa Item nru. 24.5 [Rapporti]. Il-Kunsill qabel unaniment.**

**24.5 RAPPORTI**

24.5.1 Is-Sindku beda billi qal illi l-prova għall-permessi qed taħdem s'issa u rringrazzja lil Contracts Manager għas-servizz tiegħu u tal-ħaddiem tiegħu. Il-kunsillier J.Pillow qal illi hu kuntent ħafna bis-servizz u bir-riżultati.

Qamu diversi issues dwar kuntratti tal-Kunsill:

24.5.2 Public Conveniences: Is-Sindku qal illi l-Contracts Manager kien qal illi mhux se jibgħat ħaddiema fil-Public Conveniences minħabba raġunijiet ta' saħħa fl-aqwa tal-pandemija. Il-Contracts Manager qal illi minħabba raġunijiet ta' saħħa għall-isaff tiegħu kien ħa dik id-deċiżjoni izda issa reġa beda jiċċekjahom ħaddiem tiegħu. Qal illi għandu kommunikazzjoni tajba ma wieħed mill-kuntratturi tagħna li dejjem jzommu informat, izda għandu bzonn in-numru tat-tieni kuntrattur biex jagħmel kuntatt miegħu.

24.5.3 L-iskart: Is-Sindku qal illi ġie nnottat li fir-rapporti ilhom ma jintbagħtu ritratti tal-iskamel filgħaxija. Il-Contracts Manager qal illi kien talab diversi drabi għal programme of works izda qatt ma ingħata risposta mill-kuntrattur. Qal għandu bzonn l-informazzjoni biex ikun jista jdur warajħ.Is-Sindku qal illi jaqbel perfettament miegħu.

24.5.4 Piling: Is-Sindku qal illi din il-problema tippersisti. Il-Contracts Manager qal illi ż-żewġ naħat għandom raġunijiet validi fuq din il-kwistjoni. Il-kuntrattur jaħdem b'talli mod biex jilħaq imur bl-iskart fil-ħin, waqt illi l-Kunsill jibqa bid-dmir li joffri servizz impekkabbli u skont il-ftehim. Is-Sindku għalhekk talab rapport dettaljati dwar din l-issue. Qal illi naslu biex nagħtu raġun għalfejn jibda jiġbor ftit qabel minħabba l-problema li ħolqu l-Wasteserv, izda m'hemm l-ebda skuza biex jibda jaħdem mill-5pm.

24.5.5 Kien hemm qbil unanimu li l-kuntrattur ikollu jiltaqa mall-Kunsill, u mall-Contracts Manager, u jagħti l-informazzjoni li diġa tlabna mingħandu darba, darbtejn u issa t-tielet darba.

Il-Contracts Manager qal biex ikun qal kollox, il-kuntrattur hu wieħed mill-aħjar illi hemm fil-pajjiz u għandu fost l-aqwa trakkijiet li ma jħallux riħa u dejjem nodfa jkunu. Qal għandu servizz tajjeb imma jaqa' lura fl-amministrazzjoni. Is-Sindku qabel miegħu u ma jixtieqx imaqqdar fuq il-kuntrattur per se, izda xorta għandna nippretendu l-aħjar servizz skond il-kuntratt.

24.5.6 Il-kunsillier A.Debono ssuġerixxa fuq il-piling illi naraw dawk il-postijiet fejn hemm raġunijiet validi li ssir u nibagħtu lir-residenti. Il-Contracts Manger fakkar illi ħadd ma jkun irid mizbla barra d-dar u għalhekk għanda tiġi evitata.

24.5.7 Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li meta hemm ilment, bħal per ezempju li ma ġabrux l-iskart organiku, il-Contracts Manager imur fuq il-post il-ġimgħa ta' wara u jara jekk hemm l-istess sitwazzjoni bħal qabel. B'hekk wieħed jista jibda jara jekk il-proiblema hija waħda li tiġri ta' spiss u tkun izjed faċli biex insibu soluzzjoni. Il-Contracts Manager qal illi se tkun diffiċli biex jagħmel hekk peress illi għandu biss 30 siegħa fil-ġimgħa għall-kuntratti kollha.

24.5.8 Ħġieġ: Qed ikun hemm izjed ilmenti fuq il-ġbir tal-ħġieġ izda dawn għandom jintbagħtu lil GreenPak.

24.5.9 Bulky Refuse: Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-kuntrattur qed jibda tard wisq waqt illi t-trakk suppost tingħalaq. Il-Contracts Manager qal ma jsib l-ebda diffikulta bit-truck izda dwar il-ħin qal illi l-istess problemi teżisti bħall-ġbir tal-iskart.

24.5.10 Knis: Il-Contracts Manager qal illi dejjem jistaqsi kemm hemm

kenniesa jaħdmu fil-lokalita la din hija open-ended fit-tender, u qatt ma ingħata risposta ċara mill-kuntrattur.

24.5.11 Tipping: Il-kunsillier A.Debono staqsa lil Contracts Manager jekk għandu l-poter biex jara li t-trakkijiet jidħlu vojta. Il-Contracts Manager qal illi mhix kwistjoni ta' poter izda li jara l-miżien. Qal illi jekk ma juriex il-miżien jista ma jiċċertifikax ix-xogħol.

**Fi-21:10 il-Kunsill irringrazzja lil Contracts Manager għall-ħin tiegħu biex jiġi jirrispondi diversi domandi tal-kunsilliera u l-Contracts Manager telaq.**

24.5.12 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi jippreferi li r-rapport tinqara u tiġi approvata fil-laqgħa li jmiss izda qal hemm fond ta' Norway Grants tal-MEUSAC u hemm proposta sabiex nimplementaw proġett 'Community Gardening in Independence Gardens' u din għanda tkun approvata u minuted. Is-Sindku ppropona li mmexxu u ġie ssekondat mill-kunsillier J.Pillow. Il-Kunsill qabel mall-proposta unaniment.

24.5.13 Il-kunsillier P.Radmilli qal ukoll illi ttieħdet deċiżjoni sabiex nagħtu terz tal-ammont ta' €2000 fondi tar-Reġjun li hemm għall-għaqdiet sportivi lil klabb ta' hockey u liz-zewġ klabbs tal-waterpolo. Kien hemm qbil unanimu.

24.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill għat-talba għall-amministrazzjoni ta' propjeta pubblika u l-finanzjament allokat, ħalli mmexxu bl-applikazzjoni mal-Lands għad-devokuzzjoni tal-area fejn għanda ssir il-Public Convenience tax-Xatt.
Il-Kunsill qabel unaniment.

## *24.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL*

*24.7.1* Is-Sindku qal prosit kbir lill-kunsillier A.Debono għat-tizjien u dawl tal-Milied, kif ukoll lill-kunsillier D.Muscat għax-xogħol tiegħu għas-serata Ġieħ Tas-Sliema.

*24.7.2* Il-kunsillier A.Debono qal illi hemm xarabank illi ddur fil-lokalita bi bandisti, u tagħmel sagħtejn idur u jdoqqu Christmas Carols. L-ammont titla għal €2000. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi din isir fit-22 ta' Diċembru.

*24.7.3* Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li jekk ma baqax il-bzonn li nixtru kopji tal-gazzetti m'għadniex għalfejn nibqgħu nixtruhom. Kien hemm qbil ma dan u f'kaz li l-Kunsill ikollu bzonn kopja minħabba xi avviz jew ħaġa jew oħra, il-Kunsill jara kif jixtri ta' dik il-ġurnata online.

*24.7.4* Il-Kunsillier J. Pillow talab biex il-Kunsill jiċċeccjka jekk hux qiegħed jibbenifika fil-kontijiet mis-solar panels li hemm fuq l-iskola.

## *24.8* KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

*24.8.1* Ma ġewx diskussi rapporti.

## *24.9* KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

*24.9.1* Il-Kunsillier P. Radmilli irrimarka li hemm bzonn napplikaw ghal permess mil-ERA għal trimming ta' siġar fi Triq it-Torri (in-naħa ta' Peppi's). Kien hemm qbil dwar dan. Qal ukoll illi x-xogħol għanda ssir qabel ir-Rebbiegħa.

*24.9.2* Il-Kunsillier J.Pillow irrefera ghall-pagamenti tal-MSD dwar tabelli ġodda u talab li malli titwaħħal xi waħda ġdida ninfurmawh ħalli jkun jista jzomm il-lista/rapport aġġornat. Kien hemm qbil dwar dan.

*24.9.3* Dingli str. project: Kien hemm qbil li l-pagament nurmu 46 lil MED

Developers dwar UDF certification tal-planters ma jiġix approvat. Dan anke minħabba l-fatt li t-talba ma saritx b'mod komplut.

*24.9.4* Barrier ta' Bisazza str.: Il-Kunsillier J. Pillow talab li l-pagament numru 61 lil PD Gated jinzamm on hold għaliex għad hemm il-barrier mhux tiffunzjona fil-ħin tas-7 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil li niktbu lil PD Gates.

*24.9.5*

Il-kunsillier W. Vella Baldacchino ppropona li l-pagamenti jiġu approvati minbarra numru 46. Il-kunsillier A. Debono issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti.

**24.10 MOZZJONIJIET**

24.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**24.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

24.11.1 Is-seduta ntemmet fl-22.50pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2021.

Minuti approvati llum nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2021

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |